**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 23/IX/2026**

**L-Erbgħa, 26 t'Awwissu, 2026 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

## 23.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 23.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

23.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

**23.3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

23.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 22 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

23.3.3 Il-minuti ġew approvati.

**23.4.1 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward *public recreational area* ġdida fuq art tal-Gvern Ċentrali faċċata tal-knisja tal-Kapuċċini fi Trqi Parti Ġiaċintu Camenzuli. Dan bi qbil mal-Ministeru għalk Għawdex u mal-Patrijiet Kapuċċini., ASK MAYOR

**23.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

id-Divżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

SPI/SCI/07/2026 – Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027. Il-membri qablu li tiġi sottimessa din l-applikazzjoni u ssir attivita' folkloristika fi Pjazza Indipendenza bil-parteċipazzjoni tal-Ogygia Folk Group;

SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar Nodfa. Dan il-finanzjament ġie approvat u l-attivita' ser issir nhar is-Sibt, 26 ta' Settebmru, 2026 bil-parteċipazzjoni tal-Victoria Scout Group;

residenta minn Triq il-Kunsill Ċiviku fejn irringrazjat lill-Kunsill li rranġa l-bankina ta' quddiem il-propjeta' tagħha. Talbet li jsiru bollards mal-bankina. Billi t-tpoġġija ta' bollards mal-bankini hi kontra l-*policy* ta' Transport Malta, l-Kunsill Lokali ma jkunx f'posizzjoni li jpoġġi tali bollards mal-bankina.

Tressaq ir-rapport lill-pulizija ta'persuna li rrappurtat ħsara fit-tyre tal-karozza li ġie kkawżat minn pjanċa tal-ħadid fi Triq Ġorġ Pisani. Qed jitlob kumpens tal-ispejjeż. Din il-pjanċa tħalliet waqt ix-xogħol li sar mill-Ministeru għal Għawdex f'din it-triq. Il-membri qablu li d-dettalji għandhom jintbagħatu lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex l-ispejjes jiġu koperti minn naħa tagħhom.

### 23.6 Immaniġjar tat-Traffiku

23.6.1 Transport Malta (TM) approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 147, Triq it-Tabib Anton Tabone.

23.6.2 TM approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 22, Triq Sant'Indrija.

23.6.3 Wara li tressqet talba biex issir *un/laoding bay* quddiem ir-ristorant 'Victoria' fi Triq l-Ewropa, TM qalet li l-parkeġġi ta' Trqi l-Ewropa ser jiġu trasferiti għan-naħħa l-oħra tat-triq sabiex jiżdied il-parkeġġ u tiżdied il-viżibilita' minn Triq Viani fil-junction ta' Triq Ġorġ Pisani. Il-Kunsill jibqa' tal-fehma li f'din l-area s-soluzzjoni għandha tkun l-introduzzjoni ta' *traffic lights* li jikkontraollaw il-mgħodija tat-traffiku u b'hekk jġi evitat li jsriu toroq *one way*.

23.6.4 Il-Pulizija nfurmat lill-Kunsill Lokali li tneħħiet il-vettura li keinet abbanduanta bl-iskart ġi fiha, fi Triq il-31 ta' Marzu .

23.6.5 Fuq suġġeriment ta' resident, ġie mitlub lill-TM sabiex issir stop sign fi Triq Ġorġ Tabone kantuniera ma Triq Wied Seqer.

23.6.5 Tressqet korrispondenza ta' resident fi Triq Għajn Qatet fejn ressaq diversi suġġerimenti sabiex tinbidel is-central strip ta' din it-triq li tiġi fil-parti ta' quddiem l-eentratura ta'wara tal-isptar Ġenerali t'Għawdex. Dawn il-proposti għġandhom jitressqu lill-TM.

23.6.6 Tressqet korrispondenza lill-TM mingħand residenta ta' Triq Fortuanto Mizzi, fejn il-Kunsill Lokali hu kkupjat. Din tirrigwardja applikazzjoni ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita quddiem id-dar 'San Ġuda'. Is-sid ikkonfermat li m'għandiex garaxx mad-dar.

### 23.7 Belt Kapital Ewropea għall-Kultura

Wara l-istedina tas-Sindku ta' Las Palmas, l-membri qablu li delegazzjoni tal-Kunsill iżżur Las Palmas, Gran Canaria fi Spanja bejn it-3 u t-8 ta' Settembru, 2026. Las Palmas hi applikanta wkoll għall-ECOC 2031. Is-Sindku u l-membri Schembri u Debrincat ser jiffurmaw din id-delegazzjoni. Intgħażlu dawn il-membri wara li ttellgħet il-polza bejn il-membri preżenti u nteressati li jattendu.

23.8 Riġenerazzjoni – Ġnien Qasam San Ġorġ

**22.9 *Playing Field***

Il-Perit tal-Kunsill ħejja l-Programme of Works għar-riġenerazzjoni tal-*playing field*. Dan intbagħat lill-persuni nkarigati mix-xogħol u l-finanzjament tal-proġett fil-Ministeru għal Għawdex.

**23.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

23.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar t'Awwissu 2026, skont dokument A anness.

23.10.2 Tressaq iċ-ċertifikat tal-Perti rigward ix-xogħol ta' restawr tal-istatwi ta' San Peitru u San Pawl ta' mal-faċċata tal-knisja tal-kapuċċini u tan-niċċ tal-Kunċizzjoi li hemm fuq iz-zuniter. Il-membri qablu li jsir il-pagament. Dan hu proġett finanzjat mill-iskema - Xogħolijiet ta' Restawr u Proposti ta' Proġetti għal Sqaqien lill-Kunsilli Lokali - tal-Misniteru għal Għawdex.

**23.11 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

jitranġa sqaq numru 2 fi Triq Santa Marija. Għal dan ix-xogħol għandu jintuża l-kuntratt tal-handyman u l-granit li kien inqala minn Pjazza San Ġorġ fis-seba' Kunsill;

jintalab lit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tressaq toqba tal-antarjoli li tinsab ma parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' fi Triq taħt Putrijal;

23.12 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2026.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |